MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2005

Appell Civili Numru. 942/1991/1

**Oscar Farrugia**

**v.**

**Benjamin sive Benny Farrugia**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni tas-26 ta' Awissu, 1991 quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc l-attur ippremetta illi huwa u l-konvenut jiggestixxu flimkien in-negozju minn Santa Maria Service Station, Mellieha; illi fin-1990 u fis-snin precedenti l-konvenut dawwar illegalment ghalih flejjes appartenenti lis-shubija; illi dan il-fatt gie sahansitra ammess mill-konvenut izda ghalkemm interpellat biex jirrifondi lill-attur dak li hu stess accetta li kien minnu dovut, baqa' inadempjenti; u ghalhekk talab li dik il-Qorti sabiex:-

1. tiddikjara u tiddecidi illi l-konvenut agixxa illegalment fil-konfront tas-shubija ma huh l-attur meta dawwar ghalih flejjes tan-negozju gestit flimkien;
2. tillikwida l-ammont li l-konvenut hekk illegalment dawwar ghalih u fl-interess tieghu, okkorrendo bl-operat ta' perit nominand;
3. tikkundanna lill-konvenut ihallas u jirrifondi lill-attur l-import ta' sehemu lilu spettanti mill-ammont hekk likwidat.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-Mandat ta' Impediment tas-Safar tal-persuna, tal-mandat ta' Sekwestru kawtelatorju u tal-mandat ta' Qbid kawtelatorju intavolati kontestwalment ma din il-procedura u tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Mejju, 1991 u tal-ittri legali datati 22 ta' Mejju, 1991, 17 ta' Gunju, 1991 u tal-5 ta' Awissu, 1991, kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Illi b'nota tal-20 ta' Settembru, 1991 l-konvenut eccepixxa:-
1. Illi mhux minnu dak allegat fic-citazzjoni illi l-eccipjent b'xi mod dawwar ghalih flejjes appartenenti ghan-negozju li hu jiggestixxi flimkien ma huh, kif lanqas hu korrett li xi hadd jghid li l-eccipjenti ammetta dak pretiz skorrettement mill-attur.
2. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess attur stante li l-istess huma infondati fil-fatt u fil-ligi.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza tat-22 ta’ Ottubru, 1999 il-Prim Awla tal-Qorti Civili, wara li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u laqghet it-talbiet attrici pprovdiet billi, fi kliem l-istess sentenza:-

1. tiddikjara li l-konvenut agixxa illegalment fil-konfront tas-shubija ma’ huh l-attur meta dawwar ghalih flejjes tan-negozju gestit flimkien;
2. tillikwida l-ammont li hekk (il-konvenut) dawwar ghalih u fl-interess tieghu fis-somma ta’ sitt elef u hames mitt liri maltin (LM6,500), u
3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma ta’ sitt elef u hames mitt liri maltin (LM6,500).

Bl-imghax mid-data tas-sentenza u bl-ispejjes kontra l-konvenut u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Jirrizulta li l-partijiet jiggestixxu flimkien in-negozju minn Santa Maria Service Station, il-Mellieha, u dan sa minn circa 1972. L-Accounts bdew jinhadmu minn accountant biss mill-1988; dan kien certu Mario Deguara.

“L-attur ressaq il-pretensjonijiet tieghu kontra l-konvenut wara li l-accountant infurmah li kien sab differenza fil-cash control ammontanti ghal LM1,500 ghas-sena 1990, differenza li zdiedet ghal LM20,000 wara illi l-istess accountant rega’ hadem l-accounts ghal tlett snin fuq figuri godda moghtija lilu mill-attur.

“Mix-xhieda prodotta m’hemmx kontestazzjoni li l-kontendenti, it-tnejn separatament, kienu jiehdu hsieb ir-readings u d-dippings, l-entraturi fid-day book u fir-registru, l-ordnijiet ta’ l-Enemalta u d-depoziti tal-flus migbura fil-Bank. Mhux kontestat lanqas il-fatt li kien isir introjtu li ma kienx jidher fir-records.

“Dwar l-ammont ta’ LM1,500 li hareg bhala diskrepanza ghas-sena 1990, Mario Deguara xehed li l-konvenut semmielu li l-attur seta’ jiehu sehmu mill-flus tas-shubija. Huwa xehed pero` li wara li rega’ hadem l-accounts mill-gdid il-konvenut kien lest li jitkellem dwar id-diskrepanza ghas-sena 1990 ammontanti ghal circa LM8,000 u anke semma’ l-figura ta’ LM5,000 bhala mezz ta’ ftehim. L-attur dwar dan il-punt xehed li l-accountant cempillu u qallu li l-konvenut kien issugerixxa li jhallsu LM4,000. (Il-konvenut

xehed li ma jiftakarx li kien ghamel din l-offerta tramite l-accountant.) Id-diskors dwar il-LM5,000 sar mill-konvenut wara meta kien mar isibu fl-istation. Meta rega’ xehed dwar dan Mario Deguara kkonferma illi quddiemu ntqal mill-konvenut li f’kaz ta’ diskrepanza l-attur jiehu flus mis-shubija izda ma setghax jikkonferma figura. Il-konvenut ikkonferma li lill-huh kien qallu li seta’ jiehu sehmu mill-flus tas-shubija, huwa qal li dan kien wara li giet stabbilita` d-diskrepanza ta’ LM1,500 u kienet ghadha mhijiex maghrufa l-figura ta’ LM20,000. U dan ghamlu mhux ghax kien qed jammetti jew jaccetta li kien ha xi flus.

“Jirrizulta illi Mario Deguara kien beda jahdem l-accounts ghas-snin 1988 sa 1990 fuq dokumentazzjoni moghtija mill-attur. Dawn kienu l-invoices ta’ xiri, informazzjoni dwar dejn “li hawn il-figuri ma kinux ikunu cari”, deposit slips li huwa ma kienx jikkumparahom mas-sales u drawings, u d-drawings li kienu jkunu miktuba fuq pitazz li jzomm l-attur u mbaghad jghaddihulu. Dwar l-istatement of sources and application of funds xehed: “Naqbel li kif qed ighid il-perit komputista milli jirrizulta wara, mill-figuri ta’ dan l-istatement ma jistghux iservu biex johorgu opening balances. Fic-cirkostanzi ma nistax nghid li d-differenzi li hargu wara li rgajt hdimt il-konteggi huma kollha drawings.

“Minhabba d-diversi nuqqasijiet li rriskontra l-perit komputista li pprova jahdem il-konteggi mill-gdid a bazi ta’ dokumenti li ssupplixxew il-kontendenti, huwa ma setghax jahdimhom skond l-accounting standards (ara para. 11 u 12 tar-relazzjoni). Huwa pero` kkonkluda li kien hemm flus li ntmissu u li, fuq bilanc ta’ probabilita`, dan sar mill-konvenut. Huwa wasal ghal din il-konkluzzjoni wara konsiderazzjonijiet fit-tul u, fil-fehma tal-Qorti li ezaminat ix-xhieda, wara li ghamel apprezzament tajjeb u gust ta’ din ix-xhieda. Hawn fil-fatt tirreferi ghall-paragrafi 14 sa 16 tar-relazzjoni tieghu.

“Dwar il-quantum il-perit komputista jghid hekk (para 13):

“Kif johrog car minn Dok. MD1 il-Gross Profit huwa figura li tindika kemm qalghet is-shubija qabel ma jitnaqqsu l-

ispejjes minfuqa fil-gestazzjoni (sic) tan-negozju li jhallilek in-Nett Profit. Dan ukoll huwa semplicement ‘accounting entry’ u mhux indikazzjoni ta’ flus fil-kexxun! Kif jidher mill-iStatment of Sources and Application of Funds din il-figura normalment tigi effettwata b’caqliq tal-valur ta’ stock, debituri, kredituri u bilanci bankarji barra minn xiri ta’ Fixed Assets bhal makkinarju, ‘improvements’ fil-bini fost ohrajn barra minn xiri u bejgh ta’ plots, flats u garages mis-shubija. La darba, ghalhekk, l-esponent ma kellux disponibbli bilanci ta’ ftuh reali u dokumentazzjoni kompleta u cara, gralu kif fl-ahhar xehed Mario Deguara stess. L-esponent jiddispjacih li ma jistax jaghti parir konkret lill-Onorabbli Qorti ghax ma jistax jahlef li skond l-accounting standards s-somma kollha ta’ LM14,083 kienet disponibbli fi flus kontanti u tmesset minn xi hadd mill-partijiet klandestinament. L-Onorabbli Qorti fis-savju gudizzju taghha tista’, jekk jidhrilha xieraq, tuza bhala gwida Dok BF4 esebit mill-konvenut fis-Seduta Nru XXI. Dan juri li fit-tliet snin ta’ wara, jigifieri 1991-3 mid-dhul ta’ diesel u petrol, barra l-paga normali, hadu LM6,000 kull wiehed fis-sena – LM12,000 fis-sena bejniethom li hija somma qrib dik approssimattiva li wasal ghaliha l-esponent aktar u aktar jekk wiehed inaqqas LM1,000 li l-partijiet nefqu f’xiri ta’ art u li ma dahlux fil-konteggi originali ghaliex il-Fixed Assets ma ttihdux in konsiderazzjoni.

“Wara li l-Qorti qieset dawn il-konsiderazzjonijiet tal-perit komputista u ezaminat il-konteggi minnu maghmula, kif ukoll wara li ezaminat id-dokumenti relattivi, waslet ghall-konkluzjoni li s-somma li qed jippretendi l-attur trid tigi necessarjament stabbilita` arbitrio boni viri kif fil fatt qed tigi likwidata fis-somma ta’ sitt elef u hames mitt liri Maltin LM6,500), liema somma l-konvenut ghandu jhallas lill-attur.”

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk, b’rikors ipprezentata fid-9 ta’ Novembru, 1999 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija,

is-sentenza appellata tigi mhassra u revokata u li t-talbiet kollha tal-attur kif dedotti jigu michuda u dana bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

B'risposta pprezentata fit-12 ta' Novembru, 1999 l-attur ta' r-ragunijet tieghu ghalha l-appell tal-konvenut ma ghandux jigi milquh.

L-appell tal-konvenut huwa bazikament ippernjat fuq aggravju wiehed u senjatament li mill-provi prodotti l-attur ma rnexxilux jipprova l-allegazzjonijiet tieghu, lanqas fi grad ta' probabbilita`.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

L-attur f'dawn il-proceduri qed jallega li huh, il-konvenut appellant, kien, b'dannu ghall-istess attur, immisappropria xi flus appartenenti lis-shubija fil-gestjoni tan-negozju tas-Santa Marija Service Station. Din l-allegazzjoni kienet bbazata fuq suspetti li kellu l-attur meta rrealizza li huh, il-konvenut, kien qed jinnegozja u jixtri propjeta` immobiljari, u rafforzata bir-rizultanzi ta' l-ezercizzju li ghamel l-accountant imqabbad mis-socji. Minhabba n-natura teknika tal-kwestjoni, waqt is-smigh tal-kawza in prim istanza, inhasset il-htiega li jigi mahtur espert komputista sabiex jfittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz. Ghal dan il-ghan kien gie mahtur John Bonnici li, wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti mill-partijiet, inkuzi diversi dokumenti li gew lilu prezentati, wasal ghall-konkluzjoni, "*fuq bazi ta' probabbilita`, li l-konvenut ha flus mis-shubija aktar minn dawk iddikjarati bhala 'drawings'.*" B'dana kollu l-istess espert komputista iddikjara li ghar-ragunijiet moghtija fir-relazzjoni "*ma jistax jiddetermina b'mod xjentifiku s-somma ezatta li l-konvenut dawwar ghalih mill-assi tas-shubija.*" U finalment indirizza lill-ewwel Qorti ghal dak li kien intqal fil-paragrafu 13 tar-relazzjoni li seta' jiggwida lil dik il-Qorti fil-fissazzjoni tal-ammont.

Il-kwestjoni li kienet tinsab quddiem l-ewwel qorti kienet pjuttost  teknika u delikata. Teknika, inkwantu tinvolvi konteggi u *accounts* ta' negozju pjuttost kbir, fejn il-partijiet ma kienux intizi minn dak li huwa rikjest sabiex l-*accounts* juru stampa cara ta' dak li kien qed jigri. Delikata, inkwantu kien hemm allegazzjoni, u f'dan is-sens allegazzjoni serja, li wiehed mis-socji kien hati ta' misapproprjazzjoni ta' flus appartenenti lis-shubija u inoltre jirrizulta li l-istess negozju ma kienx strettament korrett.

Minn natura tat-talbiet kontenuti fic-citazzjoni w anke li spiritu tal-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jidher li l-ewwel Qorti kellha zewg kompiti x'tissodisfa. Fl-ewwel lok kellu jigi determinat jekk verament il-konvenut kienx dawwar ghalieh flejjes tan-negozju gestit bejn l-ahwa – il-kontendenti. Fit-tieni stadju, u wara li l-ewwel foss jigi maqbuz, il-Qorti kellha l-kompitu li tistabilixxi b'mod xjentifiku u kemm jista' jkun preciz l-ammont li allegatament kien gie sottratt mis-shubija. Biex b'hekk tasal ghall-kundanna tal-konvenut ghar-restituzzjoni ta' l-istess.

Jidher li fl-ezekuzzjoni tal-inkarigu taghha, fil-kuntest ta' dawn iz-zewg aspetti tal-kawza, l-ewwel Qorti strahet kompletament fuq ir-rizultanzi - jekk jistghu jissejhu hekk – tal-espert komputista billi accettat, u dana minghajr ma ghamlet xi tfittxija indipendenti, dak li kien issugerixxa l-espert meta osserva li kien hemm **probabbilita`** li dak li kien qed jigi allegat fl-ewwel talba u cioe` li l-konvenut kien dawwar ghalih flejjes tan-negozju, kien minnu. Wara dan u meta l-istess Qorti giet biex tillikwida l-ammont li allegatament kien gie misapproprjat u li konsegwentement kellu jigi rifuz jew kompensat b'assi ohra tas-shubija, l-istess Qorti, fl-assenza ta' prova cara u konkreta ta' xi ammont li kien verament ittiehed, ghaddiet biex illikwidat ammont **arbitrio boni viri.**

Huwa minnu, kif osservat il-Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri, fis-sentenza moghtija fl-1 ta' Marzu, 1994 fil-kawza "Marion Bonnett vs Mary Lewis" "illi sakemm ma jigux indikati oggezzjonijiet gravi u serji ta' piz li jinduciha li

tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak ta’ tekniku, dan ma taghmlux.” Dan ghaliex r-rapport ta’ espert tekniku mahtur mill-Qorti jikkostitwixxi prova f’dawk il-proceduri li, specjalment meta din tkun ta’ natura teknika, ghandha ‘*prima facie*’ l-aspetti kollha ta’ kredibilita`. Issa, kif gie ritenut fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fit-28 ta’ Frar, 1997 fil-kawza fl-ismijiet “Joseph Grech Sant noe vs l-Avukat Dottor Riccardo Farrugia et noe” (Vol. LVVVI.II. p.394) “Il-Qorti ta’ Revizjoni ma ghandhiex – bla raguni gravi u impellenti – tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmula mill-Ewwel Qorti.”

Fil-kaz in ezami din il-Qorti jidhrilha li hemm ragunijiet gravi u impellenti li jinducuha tiskarta d-decizjoni ta’ l-ewwel qorti u dawna huma s-segwenti:

1. Jirrizulta li fin-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut hemm cahda kategorika ta’ dak li qed jigi allegat fic-citazzjoni. Din ic-cahda tippersisti waqt il-gbir tal-provi u diversi referenzi ghal xi ammissjoni, kif osserva l-konvenut, huma inammissibbli ghax jammontaw ghal “hearsay”. Jekk intqal xi kliem, jidher li dan sar mhux bl-animu ta’ ammissjoni tal-allegata misapproprjazzjoni izda pjuttost biex il-kwistjoni tieqaf hemm, u anke jidher li dan il-kliem li seta’ intqal kien biss jirriferi ghall-perjodu meta l-ammont allegatament misapproprjat kien zghir hafna.

2. Din il-Qorti mhiex sodisfatta la bix-xhieda u lanqas bl-“*accounting exercise”* ta’ Mario Deguara li kien gie mahtur bhala *accountant* biex, preliminarjament, jinvestiga l-allegazzjoni tal-attur u sussegwentement biex izomm il-kotba tas-shubija. Bizzejjed hawn li jinghad li hemm diskrepanza enormi bejn dak li allegatament sab dan ix-xhud fl-ewwel ezercizzju li ghamel u dak li sab wara li regghu gew ezaminati l-‘kotba’. Fl-ewwel istanza sab diskrepanza ta’ LM1,500 u sussegwentement sab avarija ta’ LM20,000. Din hi diskrepanza kbira ghalkemm fir-realta` ghandu jinghad li l-ewwel figura tirriferi ghal-perjodu ta’ sena mentri ta’ l-ahhar tirreferi ghall-perjodu ta’ tlett snin. Dan it-tip ta’ diskrepanzi mhux ammissibbli f’”*accounting exercise*” u bilfors iqajjem fil-gudikant, kif fil-fatt ikkummenta l-istess espert tekniku mqabbad mill-Qorti, certa sens ta’ inkredulita`.

3. Din il-Qorti lanqas ma tista' tikkondividi l-konkluzzjonijiet, jekk hekk jistghu jissejhu, tal-espert komputista. Infatti dan, wara li ddecieda li ma setghax joqghod fuq il-"*workings*" ta' Deguara, u ha l-briga li jaghmel ezercizzju gdid huwa stess, meta osserva l-assenza ta' "opening balances" fil-kotba tas-shubija qal espressament hekk "*Minghajrhom assolutament ma jistax wiehed jahdem konteggi skond l-accounting standards.*"[1] Ghalhekk, din il-Qorti tistaqsi, kif seta` l-perit komputista, minghajr dawn l-"*opening balances*" jasal ghall-konkluzzjoni li kienu ittiehdu flus mis-shubija?

4. Fir-rapport tieghu l-espert komputista donnu johrog mill-parametri stretti li wiehed jistenna li jzomm f'materja ta' "accounts". Fir-realta` d-dmir tieghu fil-kwadru ta' l-inkarigu lilu moghti, kellu jkun strettament wiehed matematiku u cioe` x'kienu juru l-accounts minn ezami dettaljat tad-dokumenti pprezentati mill-partijiet. Issa, apparti li dan ma setghax jaghmlu, ghar-ragunijiet moghtija hawn fuq u ragunijiet ohra, bhal per ezempju, li xi dokumenti kienu indecifrabbli, l-istess perit komputista, wara ammissjoni genwina tal-insufficjenza tieghu f'materja legali, ghadda biex interpreta, kif hass hu, ic-cirkostanzi tal-kaz. Jidher li l-espert komputista ta' importanza interpretattiva, fil-kuntest tar-responsabbilita` tal-konvenut, ghal fatt li dan kien jixtri proprjeta` u jinnegozja fil-proprjeta` izjed milli kien huh l-attur. Infatti l-espert jaghmel elenku, mehud minn ricerka ufficjali, tal-proprjeta` li akkwista jew innegozja l-konvenut. Dan il-fatt, pero` mehud wahdu, mhux prova ta' misapproprjazzjoni. Infatti hemm prova, mhux kontradetta, ta' mart il-konvenut, li huma kienu, f'diversi okkazzjonijiet, issellfu flus mill-bank u anke minghand missierha. Din il-prova ma gietx ezaminata jew b'xi mod michuda u ghalhekk l-akkwist tal-proprjeta` seta' facilment gie sussidjat b'dawn il-"*loans*" u mhux necessarjament rizultat ta' flus allegatament mehuda mis-shubija.

5. Premess dan kollu din il-Qorti ma tarax li hemm ragunijiet validi li setghu jwasslu lill-espert komputista, u bhalu, sussegwentement, lill-ewwel Qorti, ghall-konkluzjoni li ttiehdu flus mis-shubija u li probabbilment

[1] Ara para 11.4 tar-rapport peritali p. 70 tal-process.

kien responsabbli l-konvenut ghal dan in-nuqqas. Wara kollox misapproprjazzjoni ghandha mis-serq u ghalhekk il-prova ta' dak allegat mill-attur kellha tkun wahda rigoruza.

6. Finalment din il-Qorti, anke f'kaz li l-ewwel qorti setghet ragionevolemnt waslet ghal konkluzzjoni li kien hemm responsabbilita` ghall-misapproprjazzjoni, da parti tal-konvenut, ma tistax tifhem kif dik il-qorti, fl-assenza ta' prova konkreta ta' l-ammont allegatment misapproprjat, waslet biex tillikwida ammont "arbitrio boni viri." Hawn mhux si tratta ta' danni li, il-likwidazzjoni taghhom, hija specifikatament fdata f'idejn il-gudikant li huwa moghti d-diskrezzjoni li jiffissa s-somma dovuta anke wara li jiehu in konsiderazzjoni certa fatturi relevanti. Hawn qed jigi allegat fatt specifiku u cioe` misapproprjazzjoni ta' ammont. F'dan il-kaz il-Qorti, jekk issib li l-allegata misapproprjazzjoni sehhet, ghandha tillikwida ammont li jirrizulta mill-provi u mhux tiddecidi hi dak li, fil-gudizzju taghha, seta' gie misapproprjat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenut qed jigi milqugh u s-sentenza appellata revokata bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------